ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St. Peter

## IT-TIENI LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 96**

**Il-Ħamis, 19 ta' Settembru, 2017**

Il-Kumitat Amministrattiv St. Peter iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fis-6.00 ta' filgħaxija

**PREŻENTI:**

Mario Bartolo – *Chairperson*
Nicholas Azzopardi – Membru
Norman Clews – Membru

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Luciano Farrugia – Viċi-*Chairperson*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Ic-*Chairperson*, is-Sur Mario Bartolo ippresieda l-laqgħa.

**96.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

96.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Luciano Farrugia li kellu impenji oħra u ġie kkunsidrat skużat.

**96.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

96.2.1 Il-minuti tal-95 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Azzopardi.

**96.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson**

96.3.1 Is-Sur Bartolo qal li hemm talba għal sleeping police ġdida fi Triq il-Farfett tal-Fejġel li għaliha nibghatu ittra lir-residenti tat-triq kollha. Għalhekk nagħtu data sa meta għandhom jibgħatulna biex imbgħad jekk iriduha aktar minn tlett kwarti tar-residenti inkunu nistgħu napplikaw ma' Transport Malta għal approvazzjoni tagħhom. Għal din il-proposta kien hemm qbil unanimu.

96.3.2 Is-Sur Mario Bartolo informa l-sħabu li rigward il-bus shelter ta' Triq l-Għakrux hu infurmat li inħarġet tender minn Transport Malta biex ikollhom kuntrattur ġdid flok il-FACES pero issa ilna minn Marzu li applikajna.

96.3.3 Is-Sur Bartolo qal li l-applikazzjoni għal sleeping police fi Triq l-Għakrux għadna bla risposta. Din ilna li applikajna għaliha mil-10 t' April u minkejja tlett reminders ukoll bqajna bla risposta.

96.3.4 Is-Sur Bartolo qal li fi Triq Prof. J. Baldacchino hemm ilmenti dwar nuqqas ta' dawl fit-triq. Il-problema li hemm hija li ma hemmx ma fejn teħel il-bozza u għal dan ir-rigward irridu inġibu stima ta' arblu biex teħel miegħu. Għal din il-proposta kien hemm qbil unanimu.

96.3.5 Is-Sur Bartolo informa lil sħabu li hemm sejħa ta' fondi tal-Ewropa fuq restawr ta' ħitan tas-sejjiegħ. Bħala Kumitat Amministrattiv nistgħu napplikaw għaliha pero irridu noħorġu 15% ta' fondi. Il-Kumitat qabel unanimament li nibdew nippreparaw biex issir l-applikazzjoni wara li għal laqgħa li jmiss issir diskussjoni fuq il-fondi u jiġu ppreżentati l-quarterly reports.

96.3.6 Is-Sur Bartolo qal li fi Triq il-Farfett tal-Fejġel kantuniera ma' Triq l-Għakrux hemm ħafna qasab twil u qed ixeblek fuq il-karozzi. Huwa kompla u qal li fuq dan ir-rigward diga kienu ingabu stimi mingħand David u Elaine Bezzina. L-istima ta' David kienet in-nofs dik ta' Bezzina u għalhekk sar qbil unanimu li nergġħu inkellmu lil David sabiex naraw li għada l-istess bħala stima u jekk iva nistgħu nikkonfermawlu u jagħmel ix-xogħol.

96.3.7 Is-Sur Bartolo tkellem dwar ilment li irċevejna fuq Triq iż-Żabrella u qal li din it-triq kienet imwiegħda minn l-ekx Ministru tat-Trasport u Infrastruttura Joe Mizzi fliemkien ma' Triq in-Naħla liema xogħol baqa' ma sarx. Għalihom dawn bgħatna żewġ reminder u tkellimna wkoll ma Robert Buhagiar fejn kien preżenti wkoll is-Sur Joe Agius is-Sway pero xorta bqajna minajr suċċess. Issa li l-Ministru inbidel għadna ma tkellimnix mal-Ministru l-ġdid l-Onor. Ian Borg għalhekk nigbru l-korrispondenza kollha u nibgħatuwielu biex jgħina fuqha.

96.3.8 Is-Sur Chairman fakkar lil sħabu li għandna wiegħda minn l-eks Segretarju Parlamentari Stefan Buontempo li ser itina €3,000 biex isiru fuq xogħol infrastrutturali. Dawn il-fondi għadna ma ħadnihomx u għalhekk naraw kif nistgħu neħduhom. Għalhekk is-Sur Bartolo ippropona li nitolbu laqgħa mal-Onor Silvio Parnis li issa jinsab flok l-Onor Stefan Buontempo biex inkellmuh fuq dawn il-fondi u fuq problemi oħra li niffaċċjaw bħala Kumitat Amministrattiv.

**96.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;**

96.4.1 Il-Mistoqsijiet twiegbu fil-komunikazzjoni mis-Sindku.

**96.5 Mozzjonijiet**

96.5.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**96.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

96.7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die minħabba li c-Chairman kellu jkun rikoverat l-isptar għal xi granet fix-xahar li jmiss.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-98 laqgħa li saret nhar il-Erbgħa 29 ta' Novembru, 2017.

IFFIRMATA

Mario Bartolo
*Chairperson*